MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru 417/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**WILFRED CAMILLERI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Wilfred Camilleri bin Peter Paul u Giovanna nee` Azzopardi imwieled fl-1 ta' Marzu 1958 u residenti Tal-Kokka, Sqaq Dun Karm Caruana, Nadur, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 11458 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju 2004, f'passagg li jinsab fi Sqaq Dun Karm Caruana, Nadur, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li

ghandu, fixkel lil Laurence Muscat fil-pussess ta’ hwejgu billi pogga kantuni fl-imsemmi sqaq.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1346, PC 975, Lawrence Muscat u lill-imputat Wilfred Camilleri jixhed minn jeddu u b’mod volontarju.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli u cioe` 85 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat li mill-provi prodotti l-akkuza tinsab pruvata b’mod soddisfacenti u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------